MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2012

Numru. 264/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 0200072M.

**Akkuzat talli:**

Fid-19 ta` Dicembru, 2011, ghal habta ta`l-erbgha u nofs ta` filghaxija (16:30hrs) gewwa l-ghassa ta` Hal-Qormi:

1. Bi vjolenza jew theddid ipprova jgieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

2. Talli fl-istess jum, lok u cikostanzi ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed mill-ufficjali pubblici waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu

jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

3. Talli fl-istss jum, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwat li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skond il-Ligi;

4. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet mghoti lilu minn PS 191 Luke Bugeja, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta` dmirijietu;

5. Talli fl-istess jum, lok u cirkosatanzi waqt li kien xurban gewwa l-ghassa ta` Hal Qormi qal kliem oxxen jew incidenti jew b'xi mod offenda morali jew id-dicenza pubblika;

6. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi gewwa l-ghassa ta` Hal Qormi volontarjament kiser il-paci u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

7. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq vettura jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 641 ta` ghamla Volkswagen Polo fit-triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

8. Aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq vettura fi triq jew post pubbliku wara li kkonsma l-alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm u fl-urina rrizulta 41mg/100ml cioe` izjed mil-limitu preskritt;

9. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera bla kont, bi traskuragni u b'negligenza;

10. U aktar talli, bhal ufficjal pubbliku, ghamel reat li kien fid-dmir li josserva biex ma jsirux reati jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsiru;

11. Talli fl-istess jum u cirkostanzi fi Triq Hal Luqa, Hal Qormi, ikkaguna hsara involontarja fuq vettura Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni VGY 888, propjeta` ta` Kevin Mifsud minn Pembroke;

12. Akkuzat ukoll talli kien ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, Magistrat Dr. Anthony Mizzi, LL.D, data 21 ta` Mejju, 2004, liema sentenza gie definittiva u ma tistax tinbidel.

F'kaz ta` htija, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra il-piena stabbilita` mil-Ligi tissuspendi lil l-istess Alexander Camilleri minn kull licenzja tas-sewqan u tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta favur l-ufficjali tal-Pulizija PS 457, PS 191, PC 881, PC 1327 u PC 1276.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 91, 95 (1), 96, 338 (ee), 338 (bb), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 15 A (1), 15 B (1), 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 141, 328, 49 u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li hadet inkonsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat il-fedina penali esibita, wara li hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ghall-akkuzi migjuba kontrih, wara li hadet inkonsiderazzjoni l-koperazzjonijiet totali tieghu mal-Awtorijiet investigattivi, ma thalli ebda

alternattiva ohra hlief li din il-Qorti ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Din il-Qorti tikkundanna lill-imputat il-hlas ta` multa ta` hames mitt ewro (€500) bi zmien ta` tlett xhur ghall-hlas a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------